KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-10 ta' Diċembru 2009[1]

I — Introduzzjoni

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti [inċidenti] kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi[2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Seveso II") għandha bħala għan il-protezzjoni kontra r-riskju ta' inċidenti fl-użu industrijali ta' ċerti sustanzi. Għalhekk, dan jirrikjedi, b'mod partikolari, li jitfasslu pjanijiet ta' emerġenza esterni u interna għall-istabbilimenti kkonċernati.

2. Il-Kummissjoni tikkritika l-fatt li l-awtoritajiet tar-Renju ta' Spanja ma fasslux pjanijiet ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kkonċernati. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li ma jeżistix terminu li matulu għandhom jitfasslu dawn il-pjanijiet. Barra minn hekk, ma hemmx ċerti pjanijiet ta' emerġenza interni u informazzjoni dwar l-istabbilimenti.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 398, kif emendat bid-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Marzu 2003, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 410.

II — Il-kuntest ġuridiku

3. Id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-pjanijiet ta' emerġenza huma stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva Seveso II:

"(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-istabbilimenti kollha li għalihom japplika l-Artikolu 9:

a) l-operatur ifassal pjan ta' emerġenza interna għall-miżuri li għandhom jittieħdu ġewwa l-istabbiliment,

— għal stabbilimenti ġodda, qabel ma dan jibda jitħaddem;

— għal stabbilimenti eżistenti li ma kinux koperti minn qabel

bid-Direttiva 82/501/KEE, tliet snin mid-data stabbilita fl-Artikolu 24(1);

— għal stabbilimenti eżistenti li ma kinux koperti minn qabel bid-Direttiva 82/501/KEE, tliet snin mid-data stabbilita fl-Artikolu 24(1);

— għal stabbilimenti oħra, sentejn mid-data stabbilita fl-Artikolu 24(1);

— għal stabbilimenti oħra, sentejn mid-data stabbilita fl-Artikolu 24(1);

— għall-istabbilimenti li sussegwentament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, mingħajr dewmien, iżda f'kull każ fi żmien sena wara d-data li minnha din id-direttiva tapplika għall-istabbiliment ikkonċernat, kif stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1).

— għall-istabbilimenti li sussegwentament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, mingħajr dewmien,, iżda f'kull każ fi żmien sena wara d-data li minnha din id-direttiva tapplika għall-istabbiliment ikkonċernat, kif stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1).

b) l-operatur jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti, biex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jfasslu pjani [][pjanijiet] ta' emerġenza esterna, l-informazzjoni meħtieġa f'dawn il-limiti ta' żmien:

— għal stabbilimenti ġodda, qabel ma dawn jibdew jitħaddmu;

ċ) l-awtoritajiet innominati għal dak il-għan mill-Istat Membru jfasslu pjan ta' emerġenza esterna għall-miżuri li għandhom jittieħdu barra l-istabbiliment.

(2) Il-pjani ta' emerġenza għandhom jiġu stabbiliti bl-għanijiet li ġejjin:

— li jkun fihom u jikkontrollaw inċidenti biex jimminimizzaw l-effetti, u biex jillimitaw il-ħsara lill-bniedem, lill-ambjent u lill-proprjetà;

— jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-bniedem u lill-ambjent mill-effetti ta' aċċidenti [inċidenti] serji;

— jikkomunika l-informazzjoni neċessarja lill-pubbliku u lis-servizzi jew lill-awtoritajiet ikkonċernati fiż-żona;

— jipprovdu għar-restawr u t-tindif tal-ambjent wara aċċident maġġuri.

Il-pjani ta' emerġenza għandu jkollhom l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjani ta' emerġenza interna li għalihom hemm ipprovdut f'din id-direttiva jkunu mfassla f'konsultazzjoni mal-personal impjegat fl-istabbiliment, u li l-pubbliku jkun ikkonsultat dwar pjani ta' emerġenza esterna.

(4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li pjani ta' emerġenza interna u esterna jkunu riveduti, ittestjati, u fejn meħtieġ riveduti u aġġornati mill-operaturi u l-awtoritajiet innominati f'intervalli konvenjenti ta' mhux iktar minn tliet snin. Ir-reviżjoni għandha tikkunsidra bidliet li jseħħu fl-istabbilimenti kkonċernati jew fi ħdan is-servizzi ta' emerġenza kkonċernati, għarfien tekniku ġdid, u għarfien li jikkonċerna r-rispons għal aċċidenti serji.

(4a) […]

(5) […]

(6) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi, waqt li tagħti raġunijiet għad-deċizjoni tagħha, minħabba l-informazzjoni li jkun hemm fir-rapport tas-sigurtà, li l-ħtieġa biex ikun hemm pjan ta' emerġenza esterna taħt il-paragrafu 1 ma tkunx tapplika."

4. Skont l-Artikoli 24(1) u 25, id-Direttiva Seveso II kellha tiġi trasposta sat-3 ta' Frar 1999.

III — Fatti, proċedura u talbiet tal-partijiet

5. Skont rapport mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva Seveso II[3], sal-aħħar tas-sena 2002 il-pjanijiet ta' emerġenza esterni rekwiżiti taħt l-Artikolu 11(1)(ċ) kien għadhom ma tfasslux la fir-Renju ta' Spanja u lanqas f'kull Stat Membru ieħor. Wara talba oħra mill-Kummissjoni, fl-2006, ir-Renju ta' Spanja rrisponda li kienu tfasslu biss 35,2 % tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni mitluba.

6. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva Seveso II u, fit-23 ta' Marzu 2007, talbitu jieħu pożizzjoni (ittra ta' intimazzjoni). Peress li l-pjanijiet ta' emerġenza kienu għadhom ma sarux anki wara r-risposta tal-25 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni, fit-23 ta' Ottubru 2007, bagħtet opinjoni motivata lir-Renju ta' Spanja, li biha ordnatlu jwaqqaf il-ksur tad-dritt Komunitarju f'terminu stabbilit ta' xahrejn.

7. Wara li kkunsidrat ir-risposta tar-Renju ta' Spanja tad-19 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni żammet l-istess opinjoni u ppreżentat dan ir-rikors.

3 — L-abbozz tar-rapport dwar l-applikazzjoni fl-Istati Membri tad-Direttiva 96/82/KEE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, għall-perijodu 2000-2002, http://ec.europa.eu/environment/seveso/pdf/report_de.pdf, kkonsultat fit-12 ta' Novembru 2009.

8. Il-Kummissjoni qed titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, peress li naqas milli jfassal pjanijiet ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kollha li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' [aċċidenti] inċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikoluż, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva ċċitata iktar 'il fuq;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

9. Ir-Renju ta' Spanja qed jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad dan ir-rikors, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

IV — Analiżi

10. Skont l-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva Seveso II, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' emerġenza esterna għall-miżuri li għandhom jittieħdu barra l-istabbiliment.

11. Madankollu, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-pjanijiet ta' emerġenza esterni li għadhom ma sarux, ma kienx hemm għalfejn jitfasslu għalissa. Fil-fatt, l-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva Seveso II ma jistabbilixxi l-ebda terminu għat-tfassil ta' dawn il-pjanijiet.

12. Meta dispożizzjoni f'direttiva ma tinkludi l-ebda terminu speċifiku għat-traspożizzjoni tagħha, normalment japplika t-terminu ġenerali għat-traspożizzjoni[4]. Madankollu, iż-żewġ partijiet ġustament jirreferu għall-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva Seveso II, li jagħti lill-operaturi tal-istabbilimenti termini itwal sabiex jagħtu l-informazzjoni neċessarja għall-pjanijiet ta' emerġenza

4 — Ara s-sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju ta' Spanja (C-355/90, Ġabra p. I-4221, punt 11), dwar il-klassifikazzjoni f'żoni speċjali ta' protezzjoni tal-għasafar.

esterni. Konsegwentement, il-pjanijiet ma jistgħux jitfasslu qabel ma jirċievu din l-informazzjoni.

13. Il-Kummissjoni taċċetta li l-obbligu li taddotta pjanijiet ta' emerġenza esterni huwa marbut mat-termini stabbiliti għall-għoti tal-informazzjoni neċessarja.

14. Madankollu, it-termini previsti taħt l-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva Seveso II ma jistgħux japplikaw b'mod dirett għas-subparagrafu (ċ). Fil-fatt, l-awtoritajiet kompetenti għandhom bżonn żmien suffiċjenti sabiex ifasslu l-imsemmija pjanijiet wara li jirċievu l-informazzjoni.

15. Għaldaqstant, id-direttiva ma ssemmi l-ebda terminu speċifiku għat-tfassil ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni.

16. Madankollu, l-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva Seveso II jinkludi obbligu mingħajr ebda kundizzjoni fuq l-Istati Membri, li huwa ta' importanza kbira għall-fini tad-direttiva. Għalhekk, kif imsemmi espressament fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom fi żmien raġonevoli skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li għandu jiġi osservat ukoll mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tagħhom tad-dritt Komunitarju[5]. Konsegwentement, l-Istati Membri ma jistgħux idewmu inġustament l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni[6].

17. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat it-terminu xieraq għat-tfassil ta' pjan ta' emerġenza estern. Bħala regola ġenerali, dan għandu jiġi ddeterminat abbażi taċ-ċirkustanzi materjali kollha[7]. Huwa minnu li dan jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali[8]; madankollu, il-Kummissjoni tista', fil-prinċipju, tipprova b'mod konklużiv, l-ilment tagħha dwar vjolazzjoni fuq livell nazzjonali permezz ta' statistika. Fil-kuntest ta' dan l-approċċ, każijiet partikolari għandhom ikunu investigati biss meta

5 — Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Laub (C-428/05, Ġabra p. I-5069, punt 25).

6 — F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-289/08, Ġabra p. I-31) u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-342/08, Ġabra p. I-33); tat-2 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-401/08, Ġabra p. I-55), u tal-15 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-30/09, Ġabra p. I-170), li l-Istati Membri kkonċernati kisru l-Artikolu 11 tad-Direttiva Seveso II, peress li għadhom ma fasslux il-pjanijiet ta' emerġenza esterna għall-istabbilimenti kollha.

7 — Fuq il-perijodu xieraq għat-tul tal-proċedura ġudizzjarja, ara s-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt — Duales System Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C 385/07 P, Ġabra p. I-6155, punt 181 u referenzi ċċitati); tat-3 ta' Settembru 2009, Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni (C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, Ġabra p. I-7191, punt 144 u referenzi ċċitati). Fir-rigward tależami tat-terminu xieraq għad-dħul fis-seħħ ta' sentenza fil-proċedura għal nuqqas, ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ellenika (C-568/07, Ġabra p. I-4505, punti 51 *et seq*).

8 — Skont is-sentenzi dwar it-tul tal-proċeduri ġudizzjarji ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

d-difiża tal-Istat Membru hija bbażata fuq każijiet partikolari.

18. F'dan il-każ, ma huwiex qed jiġi kkontestat li għal numru ta' snin, fir-Renju ta' Spanja l-pjanijiet ta' emerġenza esterni ma kinux disponibbli fir-rigward tal-istabbilimenti kollha kkonċernati. Huwa minnu li ċ-ċifri ma humiex dettaljati b'mod suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit f'liema każ it-terminu previst mill-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva Seveso II, għall-għoti tal-informazzjoni neċessarja taħt l-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva Seveso II, kien diġà' ddekorra xi żmien ilu. Iżda fid-difiża tiegħu r-Renju ta' Spanja ma ressaqx l-argument li ż-żmien għat-tfassil tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni ma kienx suffiċjenti. Konsegwentement, hemm lok li jiġi kkunsidrat li ż-żmien disponibbli għat-tfassil tal-pjanijiet kien suffiċjenti.

19. Min-naħa l-oħra, ir-Renju ta' Spanja jiġġustifika n-nuqqas tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni bil-fatt li l-awtoritajiet kompetenti kellhom jistennew il-pjanijiet ta' emerġenza interni u l-informazzjoni tal-istabbilimenti. Għandu jiġi rrikonoxxut li mingħajr dawn il-miżuri, il-pjanijiet ta' emerġenza esterni ma jistgħux jitfasslu.

20. Madankollu, l-Istati Membri huma marbutin taħt l-Artikolu 11(1)(a) u (b) tad-Direttiva Seveso II li jiżguraw it-twettiq tal-obbligi tal-istabbilimenti fiż-żmien stipulat[9]. Ir-Renju ta' Spanja ma jistax jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jfassal pjanijiet ta' emerġenza esterni fiż-żmien stipulat għal fatt li naqas li josserva dan l-obbligu.

21. Konsegwentement, ir-rikors għandu jintlaqa'.

V — Fuq l-ispejjeż

22. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

9 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (ċċitata fin-nota 6, punt 17).

VI — Konklużjoni

23. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

"1. Billi naqas li jfassal pjanijiet ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kollha li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti [inċidenti] kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 11(1)(ċ) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq.

2. Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż."